SAN ĠWANN

**MINUTI**

**KUNSILL LOKALI SAN ĠWANN**

**IS-SITT LEĠISLATURA**

**LAQGĦA NUMRU ĦMISTAX**

**6 ta' Diċembru, 2010**

Il-Kunsill Lokali San Ġwann iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 55, Triq R. Caruana Dingli, San Ġwann fis-5.40 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI**

Is-Sindku Etienne Bonello DuPuis, il-Viċi Sindku David Dalli, u l-Kunsilliera Rita Saliba, Violet Bajada u Mikhail Micallef.

**APOLOĠIJI (Skont Ord. Perm. 14(3))**
Il-Kunsillier Anthony Mifsud Bonnici minħabba okkażjoni familjari.
Il-Kunsillier Joan Farrugia minħabba mpenji oħra.
Il-Kunsillier Marica Bayliss minħabba invit ieħor.
Il-Kunsillier Neville Mallia minħabba mpenji oħra.

**UFFIĊJAL PREŻENTI**

Is-Segretarju Eżekuttiv Adrian Mifsud.

**MINUTI**

Is-Sindku Etienne Bonello DuPuis ippresjeda.

## 15.1 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

15.1.1 Il-Kunsill kien mitlub jitratta l-minuti ta' seduta numru 14 tal-25 ta' Ottubru, 2010.

15.1.2 Il-Kunsillier Violet Bajada ressqet din il-mozzjoni:

15.1.3 *"Il-Kunsill japprova l-minuti tas-seduta 14 tal-25 ta' Ottubru, 2010, kif imressqa."*

15.1.4 Din il-mozzjoni kienet issekondata mill-Kunsillier Rita Saliba u approvata unanimament.

15.1.5 Il-Kunsill kien mitlub jikkunsidra l-minuti tas-seduta 14 (Kontinwazzjoni numru 1) tal-1 ta' Novembru, 2010.

15.1.6 Il-Kunsillier Violet Bajada ressqet din il-mozzjoni:

15.1.7 *"Il-Kunsill japprova l-minuti tas-seduta 14 (Kontinwazzjoni numru 1) tal-1 ta' Novembru, 2010, kif imressqa."*

15.1.8 Din il-mozzjoni kienet issekondata mill-Viċi Sindku u għaddiet b'erba' voti favur u astenzjoni.

15.1.9 Il-Kunsill kien mitlub jikkunsidra l-minuti ta' seduta 14 (Kontinwazzjoni numru 2) tat-8 ta' Novembru, 2010.

15.1.10 Is-Sindku ressaq din il-mozzjoni:

15.1.11 *"Il-Kunsill jaqbel li l-minuti tas-seduta 14 (Kontinwazzjoni numru 2) tat-8 ta' Novembru, 2010 jiġu approvati, kif imressqa."*

15.1.12 Din il-mozzjoni kienet issekondata mill-Kunsillier Violet Bajada u approvata b'żewġ voti favur u tliet astenzjonijiet.

## 15.2 Kommunikazzjoni mis-Sindku

15.2.1 Il-Kunsill kien infurmat li baqa' mingħajr ebda risposta mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali fir-rispett ta' direzzjoni dwar kiri ta' vettura.

15.2.2 Il-Kunsill approva talba li saret mill-*European Institute of Education* sabiex student barrani li jinsab fuq programm ta' taħriġ f'Malta jagħmel fażi ta' xogħol amministrattiv mal-Kunsill Lokali għal perjodu ta' madwar tliet xhur.

15.2.3 Il-Kunsill kien infurmat li ħarġu s-sejħiet għall-offerti tal-iskema għal rikostruzzjoni ta' Triq Bellavista taħt l-iskema PPP kif ukoll tal-manutenzjoni tat-tabelli u s-sinjali tat-traffiku kif ukoll l-ammont ta' finanzjament dirett mill-Gvern kien stmat għal madwar €150,000 filwaqt li l-Kunsill irid joħroġ madwar €350,000 fuq mhedda ta' tmien snin.

15.2.4 Is-Sindku nforma lil Kunsill li kienu saru żewġ appelli għad-deċiżjonijiet tiegħu fir-rigward tal-offerta tas-servizzi tal-iskart goff u tat-tindif tat-toroq mhux urbani.

15.2.5 Il-Kunsill qabel unanimament li tintalab mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali estenzjoni tal-kuntratt preżenti tal-ġbir ta' skart goff peress li dan skada.

15.2.6 Is-Sindku għamel referenza għal diskussjonijiet preċedenti dwar ir-rikostruzzjoni tal-uffiċċju amministrattiv, fejn wara diskussjoni l-Kunsill qabel unanimament li l-Perit Anthony Bezzina jkun ikkumissjonat li jagħmel disinn ġdid.

15.2.7 Wara diskussjoni dwar l-ikla tal-Milied hekk kif permezz b'memo 122/2010, il-Kunsill unanimament qabel li din issir u jitlob l-approvazzjoni tad-Dipartiment għall-Gvern Lokali huwiex permessibli li l-ammont allokat ikun mgħoddi lil *Malta Community Chest Fund* minflok jattendi għal din l-ikla, liema informazzjoni tiġi ċċirkolata lil Membri kollha tal-Kunsill u l-istaff għal gwida tagħhom.

## 15.3 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni: Rapport Finanzjarju

15.3.1 Il-Kunsill kien ippreżentat bir-rapport dwar l-indikatur finanzjarju li jkopri t-tielet kwart tas-sena (Lulju – Settembru, 2010), u li kopja tiegħu tinsab anessa ma' dawn il-minuti bħala dokument "Dok 15A".

15.3.2 Is-Sindku ressaq din il-mozzjoni:

15.3.3 *"Il-Kunsill japprova r-rapport dwar l-Indikatur Finanzjarju għat-tielet kwart tas-sena 2010, kif imressaq."*

15.3.4 Din il-mozzjoni kienet issekondata mill-Viċi Sindku u approvata bi tliet voti favur u żewġ astenzjonijiet.

15.3.5 Fuq talba għal *division* tal-vot, irriżulta li l-vot favur kienu tas-Sindku, l-Viċi Sindku u l-Kunsillier Mikhail Micallef filwaqt li l-astenzjonijiet kienu tal-Kunsilliera Rita Saliba u Violet Bajada.

## 15.4 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni:Tbassir Finanzjarju sa Diċembru, 2010

15.4.1 Is-Sindku ppreżenta rapport imħejji mill-*accountant* tal-Kunsill li juri previżżjoni dwar il-finanzi tal-Kunsill sa tmiem is-sena finanzjarja.

15.4.2 Il-Kunsill iddiskuta li skont din il-previżżjoni jirriżulta li hemm possibilita' tajba li l-Kunsill ikun laħaq l-għan ewlieni tiegħu għal din is-sena billi jelimina l-iżbilanċ.

15.4.3 Is-Sindku semma' wkoll li s-sistema tal-kontroll iridu jibqgħu jinżammu sabiex il-Kunsill issa jkun jista' jwettaq iktar ħidma favur il-komunita' tiegħu.

## 15.5 Informazzjoni dwar sejħa għall-offerti taħt l-Iskema PPP

15.5.1 Il-Kunsill unanimament approva l-metodu ta' finanzjament tal-iskema tal-proġett għar-rikostruzzjoni ta' Triq Bellavista taħt l-iskema PPP li hu maqsum fuq perjodu ta' tmien snin hekk kif titlob din l-iskema, u kif jidher fid-dokument aness bir-referenza "Dok 15B".

15.5.2 Il-Kunsill approva li wara li tagħlaq is-sejħa għall-offerti, il-Perit tal-Kunsill jagħmel evalwazzjoni tal-offerti mitfugħa sabiex tkun tista' ssir diskussjoni dwar dan il-proġett.

## 15.6 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni: Xogħlijiet u Attivitajiet

15.6.1 Wara li l-Kunsill kien mgħarraf bl-iżviluppi li seħħu, fejn is-sidien tal-istabillimenti kummerċjali kienu se jiffinanzjaw l-armar għal Triq in-Naxxar u għaldaqstant il-Kunsill approva li jidħol għall-ispiża tal-armar tal-provista għall-ammont ta' €600 u l-konsum relatat.

15.6.2 Il-Kunsill ikkunsidra stima għat-tiswija ta' diversi toroq, u li tlaħħaq għal madwar €6,000, fejn kien hemm qbil li dawn isiru bħala parti mill-programm ta' xogħlijiet tas-sena d-dieħla, u possibilment jibdew f'Jannar, 2011.

15.6.3 Il-Kunsill approva li jitwettqu diversi xogħlijiet ta' manutenzjoni fuq tabelli tat-traffiku sabiex dawn isiru mill-iktar fis possibli minn *B. Grima and Sons* filwaqt li jsir programm għal manutenzjoni tas-sinjali tat-traffiku għas-sena 2011.

15.6.4 Il-Kunsill kien infurmat li *culvert* fi Triq tal-Mensija kellu partijiet minnu li ma kienux tqegħdu f'posthom u għaldaqstant kien se jsir kuntatt mad-Dipartiment tax-Xogħlijiet Pubbliċi li wettqu manutenzjoni tagħhom.

15.6.5 Il-Kunsill qabel li jsir rapport lid-Dipartiment tas-Saħħa Pubblika dwar garaxxijiet li jinsabu fi Triq il-Bruka.

15.6.6 Il-Kunsill unanimament approva li ssir manutenzjoni ta' tliet bankijiet li jinsabu fil-ġnien ta' Triq R. Caruana Dingli.

15.6.7 Il-Kunsill qabel li l-Membri kollha jiġu mitluba l-opinjoni dwar żieda fl-ammont ta' toroq li fihom il-parkeġġ ikun riservat għar-residenti.

15.6.8 Il-Kunsill qabel li jagħmel talba lil *Transport Malta* sabiex issir sistema ta' mmaniġjar tat-traffiku f'parti minn Triq in-Naxxar.

15.6.9 Il-Kunsill wara li kkunsidra xi lmenti li daħlu fir-rigward ta' ġbir tal-iskart imħallat minn stabbiliment kummerċjali, qabel li l-kuntrattur għandu jiġi nfurmat li tali servizz irid jingħata wara d-disgħa ta' filgħodu.

15.6.10 Il-Kunsill unaniment qabel li jsiru *U-shaped bollards* fi Triq San Mikiel.

15.6.11 Il-Kunsill kien infurmat li x-xogħlijiet fuq il-ġnien ta' Misraħ Lewża kien inbeda u mistenni li jkun lest fi żmien ġimgħa.

15.6.12 Il-Kunsill unanimament qabel li jsir bank u qsari bil-fjuri fi Triq il-Fuxa.

15.6.13 Il-Kunsill unanimament qabel li jsiru sinjali ta' parkeġġ tat-traffiku fi Triq il-Kappella, fejn preċedentament kien riservat għal *coaches*.

15.6.14 Il-Kunsill qabel li jibgħat lista ta' xogħlijiet sabiex jiġu msewwija partijiet minn bankina u kurduni fi Triq San Ġiljan u Misraħ Lourdes.

15.6.15 Il-laqgħa kienet sospiża għal ħames minuti fis-7.00pm

15.6.16 Il-laqgħa kompliet fis-7.05pm.

15.6.17 Il-Kunsill unanimament qabel li tinġieb kwotazzjoni mingħand *Mica Med Limited* sabiex issir *hanging belisha light* fi Triq is-Santwarju minflok li l-*pedestrian crossing* preżenti tiġi ri-allokata iktar 'il fuq.

15.6.18 Il-Kunsill kien infurmat li se jsiru xogħlijiet diversi fil-jiem li ġejjin u li kienu se jinkludu l-egħluq ta' Triq Sliema, Triq Pellikan u Triq is-Santwarju.

15.6.19 Il-Kunsill unanimanet approva kwotazzjoni ta' €234 sabiex isiru xogħlijiet ta' manutenzjoni fil-latrina pubblika.

15.6.20 Il-Kunsill unanimament approva nefqa ta' madwar €80 sabiex isiru xi xogħlijiet żgħar fis-sistema tal-elettriku tal-librerija pubblika.

15.6.21 Il-Kunsill kien infurmat li s-sistema tat-telefon kienet qed tiġi trasferita għal waħda diġitali.

## 15.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni: Rapporti tal-*Contracts Manager*

15.7.1 Il-Kunsill innota l-kontenut tar-rapporti tal-*Contracts Manager* li jkopru l-perjodu bejn il-5 ta' Lulju u l-24 t'Ottubru, 2010, u li jinsabu anessi ma' dawn il-Minuti bħala dokumenti "Dok 15Ċ" sa "Dok 15R".

15.7.2 Il-Kunsill unanimament qabel li *dust bin* fi Triq il-Mensija u Triq in-Naxxar jiġu mibdula.

15.7.3 Il-Kunsill qabel li tinħareġ kwotazzjoni għal tmien *doggie bins* sabiex jitwaħħlu fi bnadi diversi madwar il-lokalita'.

15.7.4 Il-Kunsill kien infurmat b'laqgħa li saret mal-kuntrattur responsabbli mil-latrina pubblika bil-għan li s-servizz ikun imtejjeb.

**15.8 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni: Ħlasijiet ta' Pagamenti Pendenti**

15.8.1 Is-Sindku għamel referenza għad-deċizjoni tal-Kunsill fil-laqgħa preċedenti sabiex jiddiskutu pagamenti li kienu għadhom pendenti.

15.8.2 Saret diskussjoni fuq il-kontijiet kollha ppreżentati fejn kien hemm qbil li ssir mozzjoni għall-approvazzjoni ta' kull kont pendenti.

15.8.3 Il-Viċi Sindku ressaq din il-mozzjoni:

15.8.4 *"Il-Kunsill jaqbel li żewġ kontiijiet mibgħuta mis-Sur Robert Micallef u li jirreferu għal kiri ta' bobcat u tpoġġija ta' ħamrija, iħallas l-ammont kollu dovut ta' € 1160.14 jekk jirriżulta li l-ħamrija kollha kkwotata tqegħdet fil-post."*

15.8.5 Din il-mozzjoni kienet issekondata mill-Kunsillier Violet Bajada u għaddiet unanmament.

15.8.6 Is-Sindku ressaq din il-mozzjoni:

15.8.7 *"Il-Kunsill jaqbel li kont mibgħut minn CT Grafix għall-ammont ta' €236 għal servizz ta' artwork għal attivita tal-Kunsill taħt l-iskema ta' attivitajiet tal-Gvern Ċentrali, għandu jitħallas peress li s-servizz ingħata kif xieraq."*

15.8.8 Din il-mozzjoni kienet issekondata mill-Viċi Sindku u approvata unanimament.

15.8.9 Is-Sindku ressaq din il-mozzjoni:

15.8.10 *"Il-Kunsill jaqbel li kont mibgħut minn Zararti għall-ammont ta' €600 għal servizz artistiku waqt fiera ta' xjenza li kienet ittelgħet bil-kollaborazzjoni tal-Ministeru tar-Riżorsi u Affarijiet Rurali jiġi mħallas peress li dan is-servizz ingħata u l-attivita' kienet ta' suċċess."*

15.8.11 Din il-mozzjoni kienet issekondata mill-Viċi Sindku u għaddiet unanimament.

15.8.12 Il-Viċi Sindku ressaq din il-mozzjoni:

15.8.13 *"Il-Kunsill jaqbel li kont mibgħut minn Bits & Bytes għall-ammont ta' € 96.89 għal provista ta' CCTV camera jiġi mħallas peress li din isservi għall-iktar sigurta' lill-impjegati tal-customer care u li din l-istess camera għandha titwaħħal f'dan l-uffiċċju."*

15.8.14 Din il-mozzjoni kienet issekondata mill-Kunsillier Mikhail Micallef u approvata unanimament.

## 15.6 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni: Skeda ta' Pagamenti

15.6.1 Il-Kunsill ikkunsidra l-iskedi tal-pagamenti numri 31, 32 u 33 li kopja tagħhom hi anessa ma' dawn il-Minuti bħala dokumenti "Dok 15S", "Dok 15T" u "Dok 15U".

15.6.2 Wara diskussjoni fuq kont numru 27 mibgħut minn *European Cities Against Drugs*, il-Kunsill unanimament qabel li ma jiġix approvat peress li dan kien imur kontra l-ftehim ta' sħubija.

15.6.3 Il-Kunsill ikkunsidra wkoll talba għal ħlas mingħand *Sammy Borg Enterprises Limited* għall-ammont ta' € 1845.52 għal servizz ta' ħlas fuq kiri ta' skip matul l-ewwel xhur ta' l-2010.

15.6.4 Is-Sindku ressaq din il-mozzjoni:

15.6.5 *"Il-Kunsill japprova l-iskedi ta' pagamenti numru 31, 32 u 33 minbarra kont numru 27, kif ukoll it-talba ta' ħlas mingħand Sammy Borg Enterprises Limited għas-somma ta' € 1845.52 jekk jirriżulta li r-rata ta' kiri hi raġonevoli u skont it-termini tal-kuntratt."*

15.6.6 Din il-mozzjoni kienet issekondata mill-Kunsillier Rita Saliba u għaddiet unanimament.

## 15.7 Data tas-seduta li jmiss

15.7.1 Is-Sindku sejjaħ laqgħa oħra tal-Kunsill għal nhar it-Tnejn 10 ta' Jannar, 2011 fil-5.30 ta filgħaxija.

Konfermati, illum **21 Frar, 2011**

| | |
|---|---|
| Etienne Bonello DuPuis | Adrian Mifsud |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |